# BĦALL-WARD

Ta' Joseph Sciberras

Il-ward ħamran,
fewwieħ,
ma jitlef xejn mill-ġmiel
għaxxieq
minkejja x-xewk
li fih,
u n-nigża li jagħtik
bla ħsieb...
L-istess il-ħajja:
ma titlef xejn mill-ferħ
u mis-sbuħija
imqar jekk f'xi waqtiet iġġagħalna nħossu
in-nigża tat-tbatija.

---

# LIL OMMI MEJTA

Ta' Wallace Ph. Gulia

After life's fitful fever he sleeps well."
"Tis that repeated shocks again, again,
Benumb the elastic powers."

intbaħt bin-nuqqas tiegħek l-ewwel darba
mhux meta l-aħħar nifs minn ħalqek ħareġ,
u ħaġa mejta bqajt bħas-sodda tiegħek,
bla ħsieb, bla ħars u bla taħrik.
Qisek rieqda w msitrieħa wisq stħajjiltek
u wiċċek seraq leħħa ta' xbubitu—
bħal kieku kien il-ħsieb li jxejjaħ, joqtol,
u mhux iż-Żmien li jagħnet waqt li ngħixu.

Intbaħt li wisq kont nieqsa xħin stennejna
waqt li ġo kaxxa b'sengħa wisq maħsuba
kont maqfula. Min ġej, min sejjer kien,
u ż-żmien kien wasal qrib u ma rajtekx;
u biex ikiddni għadda ħsieb minn rasi:
"Kif għad mhix hawn; Sa tħalli min jistenna?"
U nfqajt bla ħsieb, bla kliem, u bkejt tarbija.



# X'INHIJA L-ĦAJJA

Ta' Michael Agius

X'inhija l-ħajja tagħna l-bnedmin?
Eh...ħija...
Il-ħajja tagħna m'hijiex ħlief din:
Daqsxejn
imħabba u ħlewwa, xalar u ferħ
Kemmxejn
sabar u faraġ, nitfa serħ
Qatigħ
tbaqbiq u għali, għawġ u tinkit,
dagħdigħ
tgergir u dwejjaq, xogħ'l u taħbit.
Ruxxmata
xewk u torturi, u elf tbatija.
Qorċmata
dmugħ, hemm u mrar, u mewt faħxija.

# MERĦBA U MAKTUR

Sur Direttur,

Dwar in-nisel ta' MERĦBA u MAKTUR, fil-fehma tiegħi dawn iż-żewġ kelmiet ġejjin:

MERĦBA (mhux merbħa) mill-kelma lhudija RAHOB li tfisser 'fetaħ. wassa' t-triq, Raheb tfisser eremit. bniedem li jgħix għalih waħdu, maqtugħ mid-dinja u għalhekk MERĦBA ma setgħetx tnisslet minn Raheb għax it-tifsiriet tagħhom huma waħda kontra l-oħra.

Bħalma kulħadd jaf minn żmien il-qedem meta xi sultan, ġeneral jew xi bniedem ieħor kbir kien jerġa' lura f'artu rebbieħ wara xi taqbid, in-nies kienet tinġama' fit-toroq li minnhom kien ikollu jgħaddi, ħalli l-ġemgħat jarawh u jifirħu bih. Biex ma jħallux lin-nies irossu fuqu, is-suldati kienu iwassgħulu t-triq biex ikun jista' jgħaddi bla ebda tfixkil u n-nies ikunu jistgħu jarawh aħjar ukoll. Il-għajta tas-suldati lill-ġemgħat kienet tkun: "Iftħu, wessgħu t-triq".

MAKTUR mill-isqalli 'MACCATURI' mit-taljan MOCCIO mill-latin MUCUS/MUCCUS (mħat).

Nittama li xewqtu qtajthielu lis-sur Vincent Caruana.

Tiegħek bis-sedqa,
Michael Agius